MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 6/2012

Kawza fil-lista: 44

**W R**
**vs**
**T R u G R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-attur u l-konvenuta T R zzewgu fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) fil-Parrocca tal-Madonna tal-Grazzja, Zabbar.
Illi l-attur ilu separat minn ma' martu l-konvenuta T R sa mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena 1990 u dan skont kuntratt pubbliku ta' separazzjoni personali hawn anness u markat bhala Dok. A.

Illi matul dan iz-zmien kollu sa mis-sena 1990 sal-gumata tallum l-attur qatt ma kkoabitajew kellu relazzjonijiet sesswali ma' martu.
Illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 142 tas-sena 1987, hawn anness u markat Dok. B, fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena 1986, il-konvenuta welldet tarbija ta' sess femminili bl-isem ta' G R.
Illi mill-att tat-twelid tat-tarbija G R jirrizulta illi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom Missier it- Tarbija" l-attur gie registrat bhala missier it-tarbija. (vide Dok.B).
Illi kif jista' jirrizulta mit-testijiet xjentifici, l-attur mhux il-missier naturali ta' din it-tarbija.

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier it-tarbija kien l-attur, fil-fatt it-tarbija giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenuta T R kellha ma' terza persuna.
IIli minn ezamijiet xjentifici u genetici li jistghu jigu ordnati minn din il-Qorti, tista' tigi eskluza l-paternita' ta' l-attur fir-rigward tat-tarbija G R.
Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi l-attur mhux il-rnissier naturali tat-tarbija G R;
IIli l-attur ghandu interess illi tigi impunjata l-paternita' tieghu fil-konfront tat-tarbija G R;
Illi l-attur gie debitament awtorizzat sabiex jintavola dawn il-proceduri in forza ta' sentenza finali moghtija fil-15 ta' Novembru 2011 mill-Qorti Civili-Sezzjoni Familja (Rikors Generali Numru: 140/2010*)* hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.
Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja uopportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:
Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tifla bl-isem ta' G R li twieldet mill-konvenuta T R fid-19 ta' Dicembru 1986, mhijix bint l-attur kif inhu dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 142 tas-sena 1986 (Dokument B) u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici kif kontemplat fl-Artikolu 70 (1) (d) u (3) tal-Kodici Civil tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-

Att tat- Twelid ta' l-imsernmija G R li jgib in-numru li jmiss ta' Iskrizzjoni 142/87 u jaghmel dawk l-annotarnenti fl-istess att tat- twelid sabiex isern l-attur u l-konnotati tieghu rna jibqghux jidhru fug l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isern u kunjorn rnissier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "Eta", "Fejn twieled", "Fejn joqoghdu" u "Isem u kunjorn il- missier u jekk hux haj jew rnejjet" u rninflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown" jew kull isern jew dettall iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.
Bl-ispejjez inkluz dawk tar-rikors generali 140/2010 - kontra l-konvenuti.
Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuti eccepew <u>in linea preliminari</u> li “[1] il-proceduri odjerni huma rriti u nulli stante li l-permess moghti lill-attur biex jipprocedi bl-istanza odjerna bid-digriet/sentenza datata 15 ta’ Novembru 2011[…] inghata vis-à-vis it-tifla G R u mhux ukoll vis-à-vis l-omm T R – li essenzjalment kellha tkun parti f’ dawk il-proceduri kif kontemplat fil-proviso tal-artikolu 73 u fl-artikolu 75[2] tal-Kodici Civili”;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu t-talba ta’ l-attur sabiex jipprocedi bl-istanza odjerna giet miqlugha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijet orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti fis-sens li l-atti odjerni huma “irriti u nulli” stante li l-konvenuta T R kellha tkun parti fl-atti tar-rikors li bih l-attur kien talab l-awtorizzazzjoni sabiex jiftah din il-kawza.

Minn naha tieghu l-attur jissottometti li [1] ma kienx metieg bil-ligi li fl-imsemmi rikors huwa jindika lill-T R bhala ntimata, konvenuta f’ din il-kawza, sabiex jitlob l-

awtorizzazzjoni jipprocedi fit-termini ta' l-artikolu 73 tal-Kap.16; u noltre [2] din il-Qorti m' ghandhiex il-kompetenza li tiskrutinja l-operat tal-Qorti li harget l-imsemmi digriet, imma ghandha tistrih fuq id-digriet.

In propozitu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[1] illi l-artikolu 73, fl-ewwel proviso tieghu, jiddisponi li*"……. Il-Qorti tal-Familja tista', wara li jsir rikors mir-raġel u, jekk ikun possibbli, wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-raġel u tat-tifel, f'kull żmien tawtorizza lir-raġel biex jibda kawża biex jiċħad tifel imwieled matul iż-żwieġ lil martu"*

Illi min din id-dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta car li dak li hu mehtieg mill-ligi jsir sabiex ir-ragel jinghata l-awtorizzazzjoni jipprocedi bil-kawza, huwa li [a] issir applikazzjoni minnu, u li [b] il-Qorti, jekk ikun possibbli tkun semghet lill-partijiet interessati kollha. Mhuwiex rikjest li r-rikors isir kontra l-partijiet interessati kollha, imma huwa mehtieg li, sa fejn possibbli, jinstemghu l-partijiet kollha.

Illi mill-kopja ta' l-inkartament esebita mill-konvenuta T R, jirrizulta li r-rikors sar fil-konfront tat-tifla G R li kienet giet notifikata, u prezentat risposta ghall-istess; izda ghalkemm T R, ma dehritx fl-okkju, hija, kienet giet mismugha mill-Qorti bhala parti interessata.

Ferm il-premess din il-Qorti ma tara xejn li jmur kontra d-dettami ta' l-imsemmi proviso tal-ligi.

Illi mill-banda l-ohra l-artikolu 75, <u>b' differenza ghall-artikolu 73</u>, jghid b' mod esplicitu li f' l-azzjoni li r-ragel jaghmel sabiex tincahad il-paternita', "F' kull kaz, l-omm ghandha tigi msejjha fil-kawza." Ghalhekk il-ligi trid li, fil-<u>kawza,</u> l-omm ghandha tkun parti.

Illi l-Qorti tosserva li l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-proceduri ghall-awtorizzazzjoni sabiex issir il-kawza ta' denegata paternita', li jigu nizjati b' rikors semplici; u l-azzjoni tad-denegata paternita' li tigi nizjata b' rikors

guramentat u li hija l-kawza propria; u huwa fil-kawza li l-omm ghandha tkun parti. Li kieku l-ligi riedet li l-omm tkun imharrka bhala ntimata fir-rikors ghall-awtorizzazzjoni dan kienet tghidu kif qalitu espressament fl-artikolu 75[2], ghax *quod lex voluit lex dixit.*

Illi fil-kawza odjerna l-omm, T R, hija konvenuta, flimkien ma-tifla G R.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehema li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u qed tigi michuda.

Spejjez a kariku tal-konvenuti.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------